C/2025/1177

19.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11837 – KPS / INEOS COMPOSITES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1177)

1. Fit-12 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KPS Capital Partners, LP (l-Istati Uniti tal-Amerka) ("KPS"),

— INEOS Composites Holdings Company (UK) Limited (ir-Renju Unit), INEOS Enterprises US Holdco LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka), INEOS Composites International Holdings LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka), INEOS Composites Finland Oy (il-Finlandja), (flimkien, "INEOS Composites") li jappartjenu għal INEOS Enterprises Holdings Limited group.

KPS se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' INEOS Composites kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— KPS hija ditta globali ta' ekwità privata li tipprovdi kapital u appoġġ strateġiku għall-kumpaniji li qed jikbru b'enfasi speċjali fuq is-settur tal-manifattura,

— Ineos Composites hija manifattur globali ta' reżini tal-poliester mhux saturati, reżini tal-esteri tal-vinil u gelcoats użati fil-produzzjoni ta' komposti tal-plastik għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet fis-swieq finali. Ineos Composites tbigħ firxa wiesgħa ta' reżini li jippermettu lill-klijenti jottimizzaw ċerti karatteristiċi tal-prodotti tagħhom, inklużi r-reżistenza għall-korrużjoni, ir-reżistenza għan-nar, ir-reżistenza għar-raġġi ultravjola, ir-reżistenza għall-ilma u għall-kimika, l-iżolament termali u elettriku, ir-reżistenza għall-impatti u għall-grif, u proporzjonijiet għoljin bejn is-saħħa u l-piż.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11837 – KPS / INEOS COMPOSITES

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË